Nru./No. 21,049
Prezz/Price
€6.48

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju, 2023
Friday, 5th May, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 4969
Proclamation by the President of Malta *4969*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 4970 - 4992
Government Notices ..... *4970 - 4992*

Avviżi tal-Pulizija ..... 4993 - 4995
Police Notices ..... *4993 - 4995*

Avviżi lill-Baħħara ..... 4995 - 4998
Notices to Mariners ..... *4995 - 4998*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 4998 - 5085
Employment Opportunities ..... *4998 - 5085*

Avviżi tal-Gvern ..... 5085 - 5089
Notices ..... *5085 - 5089*

Offerti ..... 5089 - 5096
Tenders ..... *5089 - 5096*

Avviżi tal-Qorti ..... 5096 - 5108
Court Notices ..... *5096 - 5108*

ANNO DOMINI 2023 NRU. III

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) FRANK BEZZINA
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fl-4 ta' Mejju, 2023, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, FRANK BEZZINA, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz ta' Sant'Anton, illum, 4 ta' Mejju, 2023.

B'Awtorità,

(Iff.) ROBERT ABELA
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2023 NO. III

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd) FRANK BEZZINA
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 4th day of May, 2023, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, FRANK BEZZINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at Sant'Anton Palace, this 4th day of May, 2023.

By Authority,

(Sd) ROBERT ABELA
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 569

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XIV tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

Il-5 ta' Mejju, 2023

Nru. 570

KUMITAT GĦALL-FOND GĦALL-BILANĊI RESIDWI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 7(3) tal-Att dwar il-Fond għall-Bilanċi Residwi Kap. 618, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol reġa' ħatar lil Dott. Michele Magro, LLD (Melit.) u lis-Sur Frans Camilleri MA (UEA), Dip. Soc. Studies (Oxon) bħala membri fuq il-Kumitat għall-Fond għall-Bilanċi Residwi għal perjodu ta' sena, sad-29 ta' Marzu, 2024.

It-2 ta' Mejju, 2023

Nru. 571

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern f'barra minn Malta

Cachia, is-Sa Christine – Senior Counsellor, Londra

B'Awtorità
JONATHAN ATTARD
Ministru għall-Ġustizzja

Il-5 ta' Mejju, 2023

MJEG 21/2021/10

GOVERNMENT NOTICES

No. 569

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XIV of 2023 entitled the Criminal Code (Amendment) Act, 2023.

5th May, 2023

No. 570

RESIDUAL BALANCES FUND COMMITTEE

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers conferred by article 7(3) of the Residual Balances Fund Act Cap. 618, the Minister for Finance and Employment has re-appointed Dr Michele Magro, LLD, (Melit.) and Mr Frans Camilleri, MA (UEA), Dip. Soc. Studies (Oxon) as members on the Residual Balances Fund Committee for a period of one year up to 29th March, 2024.

2nd May, 2023

No. 571

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Cachia, Ms Christine – Senior Counsellor, London

By Authority
JONATHAN ATTARD
Minister for Justice

5th May, 2023

Nru. 572

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

Benefiċċju għal Waqt l-Impjieg għal Persuni li Jaħdmu bi Qligħ u li Għandhom Tfal Taħt it-23 sena

IL-MINISTRU għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal qiegħed jestendi din l-iskema li ġejja, li għandha l-għan li tinkoraġġixxi persuni li għandhom tfal taħt it-23 biex jaħdmu bi qligħ u b'hekk tonqos id-dipendenza fuq il-benefiċċji soċjali.

1. Tifsir

F'din l-iskema kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xorta oħra:

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli mill-Politika Soċjali;

"Direttur" tfisser id-Direttur Ġenerali responsabbli mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali;

"Kap ta' Familja" għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318);

"Familja" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318);

"Impjieg assigurabbli" għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318).

2. Min jikkwalifika għal din l-Iskema

a. Familji residenti f'Malta fejn il-ġenituri t-tnejn jaħdmu li għandhom dħul mix-xogħol ta' bejn €10,000 u €50,000 fis-sena u fejn;

(i) id-dħul ta' wieħed/waħda mill-ġenituri ma jkunx inqas minn €3,000 fis-sena u

(ii) tfal li għadhom jgħixu fl-istess residenza mal-ġenituri għadhom ma laħqux it-23 sena.

Familji residenti Malta b'ġenitur wieħed/waħda li jaħdem/taħdem fejn id-dħul annwali mix-xogħol hu ta' bejn €6,600 u €35,000 fis-sena u fejn it-tfal li għadhom jgħixu fl-istess residenza mal-ġenitur tagħhom għadhom ma laħqux it-23 sena.

c. Familji residenti Malta fejn xi ħadd mill-ġenituri jkun qed j/taħdem u li d-dħul mix-xogħol ta' min jaħdem ikun bejn €6,600 u €35,000 fis-sena u fejn it-tfal li għadhom jgħixu fl-istess residenza mal-ġenituri għadhom ma laħqux it-23 sena.

No. 572

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY AND CHILDREN'S RIGHTS

In Work Benefit for Persons Carrying Out a Gainful Occupation Having Children Under the Age of 23 years

THE Minister for Social Policy and Children's Rights is extending the following scheme, which is aimed at encouraging persons with children under the age of 23 to participate in a gainful occupation and therefore reduce their dependancy on social benefits.

1. Definitions

In this scheme, unless the context requires otherwise:

"Minister" means the Minister responsible for Social Policy;

"Director" means the Director General responsible for the Department of Social Security;

"Head of Household" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act, (Cap. 318);

"Household" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act, (Cap. 318);

"Insurable Employment" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act, (Cap. 318).

2. Who is eligible for this Scheme

a. Families residing in Malta where both parents are carrying out a gainful occupation with earnings from such gainful occupation falling between €10,000 and €50,000 and where;

(i) the earnings of anyone of the parents does not fall below €3,000; and

(ii) the children in the same household have still not attained the age of 23 years.

b. Single parent families residing in Malta carrying out a gainful occupation with earnings falling between €6,600 and €35,000 and where the children in the same household have still not attained the age of 23 years.

c. Families residing in Malta where one of the parents is in a gainful occupation with earnings from such gainful occupation falling between €6,600 and €35,000 and where the children in the same household have still not attained the age of 23 years.

3. Kif jinkiseb id-dritt għal din l-iskema

Permezz ta' talba fuq il-formola kif ipprovduta mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li tista' tinkiseb mill-website tad-Dipartiment (https://socialsecurity.gov.mt).

Id-Direttur jista' minn żmien għal żmien jitlob kull dokument ieħor li jista' jkun meħtieġ sabiex it-talba tkun tista' tiġi pproċessata, riveduta jew imġedda.

Dan il-benefiċċju jista' jitħallas b'lura sa sentejn kalendarji mid-data tal-applikazzjoni, jekk it-talba mill-applikant tkun tissodisfa l-proviżjonijiet tal-Artiklu 97 (2)(c)(ii)(a) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318).

4. F'hiex tikkonsisti l-Iskema

Din l-iskema tikkonsisti fi:

Benefiċċju mogħti lill-familji li jaħdmu fejn ir-rati applikabbli fis-sena huma kif indikati f'din it-tabella:

3. How to acquire the right for this scheme

Through an application which is available from the website of the Department of Social Security (https://socialsecurity.gov.mt).

The Director reserves the right to request any documents or evidence as necessary to process the claims.

This benefit can be paid backdated by two calendar years from date of application, given that applicant's request is in conformity with the provisons of Article 97 (2)(c)(ii)(a) of the Social Security Act, (Cap 318).

4. What does this scheme consist of

This scheme consists of:

The following applicable rates on a yearly basis as per indicated table:

Żewġ Ġenituri Jaħdmu			Ġenitur Singlu J/Taħdem			Xi ħadd mill-ġenituri j/taħdem		
Dħul		Benefiċċju	Dħul		Benefiċċju	Dħul		Benefiċċju
Minn	Sa	Ammont	Minn	Sa	Ammont	Minn	Sa	Ammont
€	€	€	€	€	€	€	€	€
Two Parents Working			*Single Parent Working*			*One Parent Working*		
Income		*Benefit*	*Income*		*Benefit*	*Income*		*Benefit*
From	*To*	*Amount*	*From*	*To*	*Amount*	*From*	*To*	*Amount*
€	€	€	€	€	€	€	€	€
10,000	11,211	700	6,600	7,511	1,100	6,600	10,312	730
11,212	11,311	750	7,512	7,611	1,125	10,313	12,812	680
11,312	11,411	800	7,612	7,711	1,150	12,813	13,812	605
11,412	11,511	850	7,712	7,811	1,175	13,813	14,812	455
11,512	11,611	900	7,812	7,911	1,200	14,813	15,812	370
11,612	11,711	950	7,912	8,011	1,225	15,813	17,812	305
11,712	11,811	1,000	8,012	8,111	1,250	17,813	18,812	280
11,812	11,911	1,050	8,112	8,211	1,275	18,813	20,812	250
11,912	12,011	1,100	8,212	8,311	1,300	20,813	25,999	220
12,012	12,111	1,150	8,312	8,411	1,325	26,000	35,000	200
12,112	12,211	1,200	8,412	8,511	1,350			
12,212	12,311	1,250	8,512	8,611	1,375			
12,312	12,411	1,300	8,612	8,711	1,400			
12,412	12,511	1,350	8,712	8,811	1,425			
12,512	12,611	1,400	8,812	8,911	1,450			
12,612	12,711	1,450	8,912	9,011	1,475			
12,712	17,911	1,500	9,012	9,911	1,500			
17,912	18,011	1,370	9,912	10,011	1,430			

18,012	18,111	1,340	10,012	10,111	1,410
18,112	18,211	1,260	10,112	10,211	1,390
18,212	18,311	1,230	10,212	10,311	1,370
18,312	18,411	1,200	10,313	10,411	1,350
18,412	18,511	1,170	10,412	10,511	1,330
18,512	18,611	1,140	10,512	10,611	1,310
18,612	18,711	1,110	10,612	10,711	1,290
18,712	18,811	1,080	10,712	10,811	1,270
18,812	19,011	1,050	10,812	10,911	1,250
19,012	19,211	990	10,912	11,011	1,230
19,212	19,411	930	11,012	11,111	1,210
19,412	19,611	870	11,112	11,211	1,190
19,612	19,811	810	11,212	11,311	1,170
19,812	20,111	750	11,312	11,411	1,150
20,112	20,411	660	11,412	11,511	1,130
20,412	20,711	570	11,512	11,611	1,110
20,712	21,011	540	11,612	11,711	1,090
21,012	21,311	510	11,712	11,811	1,070
21,312	21,611	320	11,812	11,911	1,050
21,612	21,911	310	11,912	12,061	1,030
21,912	22,211	300	12,062	12,211	990
22,212	22,511	290	12,212	12,361	970
22,512	22,811	280	12,362	12,511	930
22,812	23,111	250	12,512	12,661	910
23,112	23,411	240	12,662	12,811	870
23,412	34,999	230	12,812	12,961	850
35,000	50,000	200	12,962	13,111	810
			13,112	13,261	790
			13,262	13,411	750
			13,412	13,561	730
			13,562	13,711	690
			13,712	13,861	670
			13,862	14,011	630
			14,012	14,161	610
			14,162	14,311	570
			14,312	14,461	550
			14,462	14,611	510
			14,612	14,761	490
			14,762	14,911	450
			14,912	15,061	430
			15,062	15,211	390
			15,212	15,811	370
			15,812	17,311	250
			17,312	22,999	220
			23,000	35,000	200

Fil-każ ta' ġenitur singlu li j/taħdem, tingħata żieda ta €80 fis-sena għall-ewwel wild eliġibbli fejn id-dħul ikun bejn is-€6,600 u d-€9,911.

Kif jingħata dan il-benefiċċju

Permezz ta' depożitu fil-kont bankarju indikat minn min jagħmel it-talba.

6. Għoti ta' informazzjoni falza jew nuqqas ta' tħaris tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318)

Fil-każ ta':

għoti ta' informazzjoni falza jew nuqqas ta' rappurtar lid-Direttur ta' xi bdil fiċ-ċirkostanzi; jew

nuqqas ta' tħaris tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) bil-għan li jinkiseb jew li jibqa' jinkiseb dan il-benefiċċju mill-benefiċjarju għandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Għaxar Taqsima tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali, (Kap. 318).

7. Tul tal-Iskema

Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-estensjoni ta' din l-iskema hija s-7 ta' Jannar, 2023. Din l-iskema tibqa' fis-seħħ sakemm il-Ministru joħroġ notifika bid-data tat-tmiem ta' din l-Iskema fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru jkun jista' jagħmel dawk l-emendi neċessarji għal din l-iskema billi jippubblika dawk l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-5 ta' Mejju, 2023

In the case of working single parent an additional €80 per year is paid to the first eligible child in the €6,600 to €9,911 income brackets.

5. How shall this benefit be granted

By means of a bank deposit in a bank account indicated by applicant.

6. Provision of false information and non-compliance with the provisions of the Social Security Act, (. 318)

If a person:

a. provides false information or fails to report to the Director any change in circumstances; or

b. fails to comply with the provisions of the Social Security Act, (Cap. 318) with the aim of obtaining or continuing to obtain this benefit by the beneficiary, the provisions of Part X of the Social Security Act, (Cap. 318) shall be applicable.

7. Duration of the Scheme

The extended scheme shall enter into force on the 7th January, 2023 and shall remain in force until such date as the Minister may prescribe in the Government Gazette.

8. Amendments to the Scheme

The Minister may effect any necessary amendments to this scheme by publishing the said amendments in the Government Gazette.

5th May, 2023

Nru. 573

MINISTERU GĦAL POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

Tnaqqis Gradwali tal-Għajnuna Soċjali

Il-Ministru għal Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal qiegħed jestendi l-iskema li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, u li kellha bħala għan li tintroduċi persuni li jkun ilhom iżjed minn sena jirreġistraw fuq l-Ewwel Taqsima tar-Reġistru, miżmum skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizz tal-Impjieg u Taħriġ, u/jew ilhom iżjed minn sena jibbenefikaw minn Għajnuna Soċjali taħt l-Artiklu 30 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318), u jidħlu f'impjieg assigurabbli.

No. 573

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY AND CHILDREN'S RIGHTS

Tapering of Social Assistance

The Minister for Social Policy and Children's Rights is hereby extending the scheme introduced with effect from 1 January 2014, which aim is to introduce persons who have been registering for more than one year under Part One of the Register maintained in accordance with the provisions of the Employment and Training Services Act and/or who are in receipt of Social Assistance as per Article 30 of the Social Security Act, (Cap. 318) to partake in insurable employment.

Din l-iskema tapplika wkoll għal kap ta' familja, li tkun persuna mhux miżżewġa u għandha tfal taħt it-23 sena u li fil-ġurnata tat-talba tkun qiegħda tibbenefika mill-Għajnuna Soċjali taħt l-Artiklu 30 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318).

1. Tifsir

F'din l-iskema kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xorta oħra:

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli mill-Politika Soċjali;

"Direttur" tfisser id-Direttur Ġenerali responsabbli mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali;

"Kap ta' Familja" għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318);

"Familja" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318);

"Impjieg assigurabbli" għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318).

2. Min jikkwalifika għal din l-Iskema

a. Kap ta' familja li fit-tliet snin qabel issir it-talba jkun qiegħed jirċievi għal sena jew iktar wieħed minn dawn il-benefiċċji mhux kontributorji; u kap ta' familja li tkun persuna mhux miżżewġa u għandha tfal taħt it-23 sena jgħixu magħha u li tkun qiegħda preżentament tirċievi wieħed minn dawn il-benefiċċji mhux kontributorji:

i) Għajnuna Soċjali; jew
ii) Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg.

b. Min iħaddem u jiddeċiedi li jintroduċi persuni eliġibbli għall-benefiċċji msemmija aktar 'il fuq, fid-dinja tax-xogħol.

3. Kif jinkiseb id-dritt għal din l-iskema

a. L-għajnuna tingħata lil persuna li tkun qiegħda tirreġistra għax-xogħol taħt l-Ewwel Parti tar-Reġistru miżmum skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizz tal-Impjieg u Taħriġ u tirċievi l-Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg għal sena jew iktar fit-tliet snin qabel issir it-talba.

b. L-għajnuna tingħata wkoll lil persuna li tkun ilha tirċievi l-Għajnuna Soċjali għal sena jew iktar fit-tliet snin qabel issir it-talba u li tiddeċiedi li tidħol fid-dinja tax-xogħol.

This scheme is also applicable to the head of household, being a single parent and taking care of children under the age of 23 and being in receipt of Social Assistance as per Article 30 of the Social Security Act, (Cap. 318).

1. Definitions

In this scheme, unless the context requires otherwise:

"Minister" means the Minister responsible for Social Policy;

"Director" means the Director General responsible for the Department of Social Security;

"Head of Household" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act, (Cap. 318);

"Household" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act, (Cap. 318);

"Insurable Employment" shall have the meaning assigned to it under the Social Security Act, (Cap. 318).

2. Who is eligible for this Scheme

a. The head of household who has been in receipt of any one of the following non-contributory social benefits for a minimum period of one year in the three years preceeding the claim; and the head of household being a single parent and taking care of children under the age of 23 and in receipt one of the following non-contributory benefits:

i) Social Assistance; or
ii) Unemployment Assistance.

b. Employers who decide to employ persons who are in receipt of one of the social benefits mentioned above.

3. How to acquire the right for this scheme

a. A beneficiary who is registering under Part One of the Register maintained in accordance with the provisions of the Employment and Training Services Act, and has been in receipt of the Unemployment Assistance for a minimum period of one year in the three years preceeding the claim.

b. A beneficiary in receipt of Social Assistance for a minimum period of one year in the three years preceeding the claim and who decides to partake in insurable employment.

c. L-għajnuna tingħata wkoll lil kap ta' familja li tkun persuna mhux miżżewġa u għandha tfal taħt it-23 sena jgħixu magħha u preżentament tirċievi l-Għajnuna Soċjali.

d. L-għajnuna tingħata wkoll lil persuna li tkun ilha tirċievi l-Għajnuna Soċjali għal sena fl-aħħar tliet snin u tiżżewweġ jew tidħol f'Unjoni Ċivili jew tidħol f'koabitazzjoni permezz ta' kuntratt bejn il-partijiet jew permezz ta' dikjarazzjoni unilaterali li tkun ikkonfermata u ċċertifikata l-validità legali tagħha skont it-termini u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Koabitazzjoni, (Kap. 614) ma' persuna li tkun taħdem.

e. Id-Direttur jista', minn żmien għal żmien, jitlob kull dokument ieħor li jista' jkun meħtieġ sabiex it-talba tkun tista' tiġi pproċessata, riveduta jew imġedda.

4. F'hiex tikkonsisti l-Iskema

Din l-iskema tikkonsisti f'dan li ġej:

a. Illi l-persuna benefiċjarja tal-Għajnuna Soċjali, jew il-konjuġi tagħha, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 30 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) u li tkun ilha benefiċjarja għal sena jew iktar fit-tliet snin qabel tagħmel it-talba jew qabel waħda mill-konjuġi tibda taħdem, ma titlifx id-dritt għall-Għajnuna Soċjali, iżda tibqa' intitolata għal 75% tar-rata dovuta fl-ewwel sena; 55% tar-rata dovuta għat-tieni sena; u għal 35% tar-rata dovuta għat-tielet u l-aħħar sena minn meta tkun saret it-talba sakemm tibqa' f'impjieg assigurabbli li minnu taqla' mhux inqas mill-Paga Minima Nazzjonali f'kull sena li fiha tkun qed tirċievi l-persentaġġi msemmija.

b. Illi l-kap ta' familja li tkun persuna mhux miżżewġa u għandha tfal taħt it-23 sena jgħixu magħha u preżentament tirċievi l-Għajnuna Soċjali u tidħol f'impjieg assigurabbli ta' mhux anqas minn għaxar (10) siegħat fil-ġimgħa, bir-rata mħallsa fis-siegħa tkun ekwivalenti tal-Paga Minima Nazzjonali (€4.82), ma titlifx id-dritt għall-Għajnuna Soċjali, iżda tibqa' intitolata għal 75% tar-rata dovuta fl-ewwel sena; 55% tar-rata dovuta għat-tieni sena; u għal 35% tar-rata dovuta għat-tielet u l-aħħar sena.

c. Illi, il-persuna benefiċjarja tal-Għajnuna Soċjali għal sena fl-aħħar tliet snin u tiżżewweġ jew tidħol f'Unjoni Ċivili jew tidħol f'koabitazzjoni, permezz ta' kuntratt bejn il-partijiet jew permezz ta' dikjarazzjoni unilaterali, li tkun ikkonfermata u ċċertifikata l-validità legali tagħha skont it-termini u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Koabitazzjoni, (Kap. 614) ma' persuna li tkun taħdem u d-dħul ma jkunx anqas mill-Paga Minima Nazzjonali fil-ġimgħa, ma titlifx id-dritt għall-Għajnuna Soċjali, iżda tibqa' intitolata għal 75% tar-rata dovuta fl-ewwel sena; 55% tar-rata dovuta

c. A beneficiary, being the head of household who is a single parent and taking care of children under the age of 23.

d. A beneficiary who has been in receipt of Social Assistance for a minimum period of one year in the three years preceeding the claim and who enters into a marriage or civil union or enters into cohabitation, through a contract between both parties, or by a unilateral declaration, which is confirmed and certified its legal validity under the terms and provisions of the Cohabitation Act, (Cap. 614)with a person participating in a gainful occupation.

e. The Director may, from time to time, request any other document that may be required so that the claim may be processed, revised or renewed.

4. What does this scheme consist of

This scheme consists of the following:

a. A beneficiary of Social Assistance, or the spouse of such beneficiary, and who has been in receipt of this benefit for a minimum period of one year in the three years preceeding the claim, shall not forfeit the entitlement for Social Assistance and that the person shall still be entitled to 75% of the rate for the first year, to 55% of the rate for the second year and 35% of the rate for the third and last year. The eligibility depends on the person's income being not less than the National Minimum Wage.

b. A beneficiary of Social Assistance, who is the head of household, being a single parent and taking care of children under the age of 23 and partakes insurable employment of not less than ten (10) hours per week at the hourly rate equivalent to the National Minimum Wage (€4.82), shall not forfeit the entitlement for Social Assistance, and that person shall still be entitled to 75% of the rate for the first year, to 55% of the rate for the second year and 35% of the rate for the third and last year.

c. A beneficiary of Social Assistance, who has been in receipt of this benefit for a minimum period of one year in the last three years preceeding the claim, and enters a marriage or civil union or enters into cohabitation, through a contract between both parties or by a unilateral declaration, which is confirmed and certified its legal validity under the terms and provisions of the Cohabitation Act, (Cap. 614), with an employed person whose income is equivalent to the weekly National Minimum Wage, shall not forfeit the entitlement for Social Assistance, and that person shall still be entitled

għat-tieni sena; u għal 35% tar-rata dovuta għat-tielet u l-aħħar sena.

d. Illi min iħaddem ikollu dritt għal 25% tar-rata dovuta għal kull sena sa massimu ta' tliet snin u skont ma' ntqal fil-paragrafu (a) ta' din it-Taqsima.

e. Illi min iħaddem ikollu d-dritt għal 12.5% tar-rata dovuta għal kull sena sa massimu ta' tliet snin sakemm ikun qiegħed jingaġġa persuna fuq bażi *part-time* u skont ma' ntqal fil-paragrafu (b) ta' din it-Taqsima.

f. Illi min iħaddem skont ma' ntqal fil-paragrafu (c) ma jkollu l-ebda dritt għal ħlasijiet.

5. Kif tingħata din l-għajnuna

a. Il-persentaġġi tal-ħlas tal-benefiċċju kif spjegat aktar 'il fuq u mħallsa lill-benefiċjarji soċjali se jiġu kkalkulati fuq il-benefiċċju ewlieni (Għajnuna Soċjali jew Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg) biss. Fil-każ tal-*Allowance* tat-Tfal u l-Għajnuna Supplimentari, dawn jiġu riveduti skont id-dħul ġdid mill-impjieg li jkun irid jiġi kkunsidrat fil-kalkolu skont id-dispożizzjonijiet tal-Parti VII u l-Parti VIII tat-Tieni Skeda tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali, (Kap. 318) rispettivament.

b. L-iskema tkun miftuħa kemm għall-impjiegi *full-time* u kemm *part-time*. Madanakollu d-dħul mill-impjieg ma jistax ikun inqas mill-Paga Minima Nazzjonali, li għas-sena 2023 tammonta għal €192.73 fil-ġimgħa. Dan l-ammont jiġi aġġustat kull sena skont iċ-ċifra ta' żieda fil-pagi għall-għoli tal-ħajja mogħtija mill-Gvern.

c. L-iskema tkun miftuħa wkoll għall-kap ta' familja li tkun persuna mhux miżżewġa u għandha tfal taħt it-23 sena li d-dħul mill-impjieg ikun jeċċedi l-ammont ta' €48.20 fil-ġimgħa.

d. Persuna tista' tibbenefika darba minn din l-iskema għal massimu ta' tliet snin. Iżda, jekk persuna tieqaf mill-iskema qabel jiskadu t-tliet snin, tkun tista' terġa' tibbenefika mill-istess skema fil-futur sakemm teżawrixxi l-perjodu massimu ta' tliet snin.

e. Min iħaddem jista' jibbenefika minn din l-iskema għal kull persuna li jimpjega u li tkun eliġibbli skont il-kundizzjonijiet imsemmija fuq.

f. F'każ ta' benefiċjarji li jimpjegaw ruħhom bħala persuni li jaħdmu għal rashom, il-persentaġġi mħallsa lilhom ikunu l-istess bħal dawk imħallsa lill-persuni impjegati, kif spjegat fit-Taqsima 4 (a), (b) u (c).

to 75% of the rate for the first year, to 55% of the rate for the second year and 35% of the rate for the third and last year.

d. The employer shall be entitled to 25% of the rate due for every year for a maximum period of three years and in accordance with paragraph (a) of this section.

e. The employer shall be entitled to 12.5% of the rate due for every year for a maximum period of three years if the beneficiary is employed on a part-time basis and in accordance with paragraph (b) of this section.

f. The employer shall not be entitled to any payments in respect of provisions of paragraph (c).

5. How shall this Assistance be granted

a. The percentages of payment as explained in Section 4, are to be calculated only on the main benefit (Social Assistance and Unemployment Assistance). In the case of Children's Allowance and Supplementary Allowance, employment income shall be calculated in terms of the provisions of Part VII and Part VIII of the Second Schedule of the Social Security Act, (Cap. 318) respectively.

b. This scheme is applicable to both full-time and part-time employments. However, the income shall not be less than the National Minimum Wage which amounts to €192.73 per week for 2023. This amount varies annually depending on the cost of living adjustment as awarded by the Government.

c. This scheme is applicable also to the head of household, being a single parent taking care of children under the age of 23 and the income exceeds the amount of €48.20 per week.

d. Persons are eligible for this scheme on a one time basis up to a maximum of three years. Nevertheless, if a person does not continue to benefit from this scheme for the full period of three years, the person shall still be eligible to benefit in future from this scheme for that remaining period.

e. Employers can benefit from this scheme in respect of every person employed by him or her and who is eligible in accordance with the conditions established in this government notice.

f. The percentages paid to persons who are self-occupied shall be identical to percentages paid to persons in insurable employment, as explained in Section 4 (a), (b) and (c).

6. Għoti ta' informazzjoni falza jew nuqqas ta' tħaris tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318)

Fil-każ ta':

a. għoti ta' informazzjoni falza jew nuqqas ta' rappurtar lid-Direttur ta' xi bdil fiċ-ċirkostanzi; jew

b. nuqqas ta' tħaris tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, (Kap. 318) bil-għan li tinkiseb jew li tibqa' tinkiseb din l-għajnuna, kemm mill-benefiċjarju u kif ukoll minn min iħaddem, għandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Għaxar Taqsima tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali, (Kap. 318).

7. Tul tal-Iskema

Id-data tal-estensjoni ta' din l-iskema hija l-1 ta' Jannar 2023. Din l-iskema tibqa' fis-seħħ sakemm il-Ministru joħroġ notifika bid-data tat-tmiem ta' din l-Iskema fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru jkun jista' jagħmel dawk l-emendi neċessarji għal din l-iskema billi jippubblika dawk l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-5 ta' Mejju, 2023

Nru. 574

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Victor Vassallo, Triq Alfred Camilleri u Triq id-Dorga, Ħ'Attard (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 4980).

Triq Ruggero Loria, San Pawl il-Baħar (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 4981).

Triq Xatt il-Palm, parti minn Triq il-Lampara, Triq ir-Ridott, In-Naxxar (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 4982).

Il-parkeġġ tal-Armier, Il-Mellieħa (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 4983).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għall-

6. Provision of false information and non-compliance with the provisions of the Social Security Act, (Cap. 318)

If a person:

a. provides false information or fails to report to the Director any change in circumstances; or

b. fails to comply with the provisions of the Social Security Act, (Cap. 318) with the aim of obtaining or continuing to obtain this assistance from the beneficiary and the employer, the provisions of Part X of the Social Security Act, (Cap. 318) shall be applicable.

7. Duration of the Scheme

The scheme is being extended with effect from 1st January 2023 and shall remain in force until such date as the Minister may prescribe in the Government Gazette.

8. Amendments to the Scheme

The Minister may effect any necessary amendments to this scheme by publishing the said amendments in the Government Gazette.

5th May, 2023

No. 574

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN VIRTUE of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Victor Vassallo, Triq Alfred Camilleri and Triq id-Dorga, Ħ'Attard (indicated on site plan on page 4980).

Triq Ruggero Loria, St Paul's Bay (indicated on site plan on page 4981).

Triq Xatt il-Palm, part of Triq il-Lampara, Triq ir-Ridott, Naxxar (indicated on site plan on page 4982).

Armier car park, Mellieħa (indicated on site plan on page 4983).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure

Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija millliġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-8 ta' Mejju, 2023 u l-31 ta' Dicembru, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Victor Vassallo, Triq Alfred Camilleri u Triq id-Dorga, Ħ'Attard. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-8 ta' Mejju, 2023 u l-31 ta' Dicembru, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Ruggero Loria, San Pawl il-Bahar L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-8 ta' Mejju 2023 u l-31 ta' Dicembru 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Xatt il-Palm, Triq ir-Ridott u Triq il-Lampara, In-Naxxar. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-8 ta' Mejju, 2023 u l-31 ta' Dicembru, 2023, se tkun qed tibda xogħlijiet fl-Armier Car Park, Mellieha. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni jew għajnuna jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

Il-5 ta' Mejju, 2023

Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 8th May, 2023 and 31st December, 2023, it will be starting road works in Triq Victor Vassallo, Triq Alfred Camilleri and Triq id-Dorga, Ħ'Attard. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 8th May, 2023 and 31st December, 2023, it will be starting road works in Triq Ruggero Loria, St Paul's Bay. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 8th May, 2023 and 31st December, 2023, it will be starting road works in Triq Xatt il-Palm, Triq ir-Ridott and Triq il-Lampara, Naxxar. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 8th May, 2023 and 31st December, 2023, it will be starting road works in Armier Car Park, Mellieħa. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'no parking' signs on site are liable to be towed.

Further information may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

5th May, 2023



INFRASTRUCTURE MALTA

Issue	Minutes	Drawn	Checked	Approved	Date
J					
I					
H					
G					
F					
E					
D					
C					
B					
A	*				

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Attard\2023 Attard.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.


PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: H'ATTARD
Triq Victor Vassallo - Triq Alfred Camilleri - Triq Id-Dorga - SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
March 2023	-	IMD122/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	A	2



INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Trustin Farrugia Cann

S:\Traffic Management\2022\S.Pawl il-Bahar\2022 S.Pawl il-Bahar.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: SAN PAWL IL-BAHAR Triq Ruggero Loria - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)		
HEAD OF UNIT: N.V.			
PROJECT LEADER: -	DATE: JUNE 2022	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD148/22
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A / PAGE NO: 3



INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Naxxar\2023 Naxxar.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.


PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: IN-NAXXAR
Xatt il-Palm
Triq Ir-Ridott - po Triq Il-Lampara - SITE PLAN
(Extents of works AREN't binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
April 2023	-	IMD-

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1 : 5000	A	12



INFRASTRUCTURE MALTA

J						
H						
G						
F						
E						
D						
C						
B						
A						
Revision	Revisions	Drawn	Checked	Approved	Date	

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Mellieha\2023 Mellieha.dwg

UNIT NAME:
IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT:
N.V.

PROJECT LEADER:
-

DRAWN BY:
-

DRAWING TITLE:
IL-MELLIEĦA
Parking area at Armier - SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
April 2023	-	IMD166/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A3	1:2500	-	3

Nru. 575

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMSIDA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fl-Imsida, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 575

NUMBERING OF DOORS AT L-IMSIDA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at L-Imsida, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

L-IMSIDA

TRIQ L-ISKOLA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Iċ-Ċirku ta' l-Imsida

Left side entering from Iċ-Ċirku ta' l-Imsida

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
John House	1
Mariella	3
Ħanut	5
St Joseph House	7
Harmony	9
Hilltop Flats	11
Ħanut	13
Ħanut	15
Trondheim (Flettijiet)	17
Garaxx	19
Garaxx	21
The Turn (Flettijiet)	23
Garaxx	25
Bieb bla numru	27
Bieb bla numru	29
Graziella (Flettijiet)	31
Garaxx	33
Daħla għall-garaxxijiet	35
Wind Rose (Flettijiet)	37
Garaxx	39
St Peter's Garage	41
Carmen Flats	43
St Paul's Garage	45
Rose Flats	47
Davarr (Flettijiet)	49
Melita Flats	51
Garaxx	53
Mifstiv Court	55
Garaxx	57
Robert	59

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Iċ-Ċirku ta' l-Imsida

Right side entering from Iċ-Ċirku ta' l-Imsida

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
The Deepings (Flettijiet)	4
Daħla għall-garaxxijiet	6
Bieb bla numru	8
Baron Campus (Flettijiet)	10
Garaxx	12
Malta Prime Real Estate (Uffiċċju)	14
Garaxx	16
Bieb bla numru	18
Bieb bla numru	20
Bieb bla numru	22
Stella Maris	24
Sacred Heart	26
Stella Maris (Flettijiet)	28
Bieb bla numru	30

Il-5 ta' Mejju, 2023

5th May, 2023

Nru. 576

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'TAL-PIETÀ

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Tal-Pietà, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 576

NUMBERING OF DOORS AT TAL-PIETÀ

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Tal-Pietà, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

TAL-PIETÀ

TRIQ K. DARMANIN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Mountbatten

Left side entering from Triq Mountbatten

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Dione	1
Sander	3
Joseph	5
Mon Plaisir (Flettijiet)	7
Garaxx	9
Garaxx	11
Garaxx	13
Sultana (Flettijiet)	15
Garaxx	17
Garaxx	19
Ellul Flats	21
Bieb bla numru	23
1	25
Garaxx	27
Garaxx	29

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Mountbatten

Right side entering from Triq Mountbatten

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Edgar Cancio & Sons (Ħanut)	2
Bieb bla numru	4
Garaxx	6
Garaxx	8
Garaxx	10
Mountbatten Avenue Block D	12
M1	14
C2	16
Mountbatten Avenue Block C	18
C1, Faith	20
Daħla għall-garaxxijiet	22
1B, Jovall	24

Il-5 ta' Mejju, 2023

Nru. 577

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN ĠILJAN

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'San Ġiljan, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

5th May, 2023

No. 577

NUMBERING OF DOORS AT SAN ĠILJAN

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at San Ġiljan, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

SAN ĠILJAN

TRIQ PATRICK BRYDONE

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Qasab, San Ġwann

Left side entering from Triq il-Qasab, San Ġwann

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Printemps	1

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Qasab, San Ġwann

Right side entering from Triq il-Qasab, San Ġwann

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	2

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Grada	3	Fair Haven	4
Grada	5	Garaxx	6
12, The Jovin	7	Agape	8
Garaxx	9	Toujours	10
Arcadia	11	Beauty Garage	12
Scharnitz	13	Garaxx	14
Garaxx	15	Dafelonia	16
Grada	17	Garaxx	18
Garaxx	19	Garaxx	20
15, Lemuria	21	Somerset Garage	22
15	23	Petite Fleur	24
Rampila	25	Grada	26
Garaxx	27	Garaxx	28
Garaxx	29	Grada	30
Garaxx	31	The Willows	32
Dajenu	33	Garaxx	34
Thera	35	Jerchri	36
Golden Thuya	37	Grada	38
Garaxx	39	21, Dar il-Wiża	40
Garaxx	41	Brugge	42
Villa Marbeaux	43	Grada	44
St Mark (Garaxx)	45	Nakir	46
Kampanjola	47	Garaxx	48
Garaxx	49	Garaxx	50
Clover	51	The Shay	52
Garaxx	53	Bieb bla numru	54
Garaxx	55	Bieb bla numru	56
10A	57	Bieb bla numru	58
		Windbreaker	60
		Garaxx	62
		Garaxx	64
		Vimy	66
		Shatolena	68
		Bieb bla numru	70
		Garaxx	72
		Sit bla bini	74
		Sit bla bini	76
		Sit bla bini	78
		Garaxx	80
		Bieb bla numru	82
		Bieb bla numru	84
		Garaxx	86
		Bieb bla numru	88

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	90
Garaxx	92

Il-5 ta' Mejju, 2023

Nru. 578

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'TAS-SLIEMA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Tas-Sliema, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

5th May, 2023

No. 578

NUMBERING OF DOORS AT TAS-SLIEMA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Tas-Sliema, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

TAS-SLIEMA

TRIQ SAN PIETRU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kattidral

Left side entering from Triq il-Kattidral

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1
Bieb bla numru	3
27	5
26	7
25	9
24	11
Bieb bla numru	13
22	15
21	17
20, Lee's House (BnB)	19
18	21
17	23
17A	25
Garaxx	27
16 (Garaxx)	29
15 (Flettijiet)	31
Bieb bla numru	33
Sisters of St Joseph	35

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kattidral

Right side entering from Triq il-Kattidral

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
Bieb bla numru	4
5	6
6, Micros Flats	8
7	10
8	12
9 (Flettijiet)	14
10	16
11	18
12	20
Bieb bla numru	22
Sit bla bini	24
Sit bla bini	26
Bieb bla numru	28
St Peter Flats	30

Il-5 ta' Mejju, 2023

5th May, 2023

Nru. 579

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'TA' XBIEX

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-toroq imsemmija f'Ta' Xbiex, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 579

NUMBERING OF DOORS AT TA' XBIEX

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned streets at Ta' Xbiex, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
TA' XBIEX

1. TRIQ IL-PRINJOLATA
2. TRIQ IL-QOTON

1. TRIQ IL-PRINJOLATA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Imradd

Left side entering from Triq l-Imradd

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Helena Flats	1
Susan Court B	3
Blk F3, Fl 1	5

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Imradd

Right side entering from Triq l-Imradd

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Villa Capricorn	2
Garaxx	4
Garaxx	6
Il-Warda	8
Il-Qronfla	10
Grada	12

2. TRIQ IL-QOTON

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Watar

Left side entering from Triq il-Watar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Watar

Right side entering from Triq il-Watar

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	2
63, Charann	4
64, Al-Ruge	6
Primero Court	8
Bieb bla numru	10
Garaxx	12
66, Casa Charvin	14
67	16

Il-5 ta' Mejju, 2023

5th May, 2023

Nru. 580

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SWATAR, BIRKIRKARA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1281 tas-17 ta' Novembru, 2017, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fis-Swatar, Birkirkara', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 580

NUMBERING OF DOORS AT IS-SWATAR, BIRKIRKARA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 1281 dated 17th November, 2017, under the title 'Numbering of doors at Is-Swatar, Birkirkara', the following amendments in **bold** should be made.

IS-SWATAR, BIRKIRKARA

2. TRIQ IL-QANPIENA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Tal-Qattus

Left side entering from Triq Tal-Qattus

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Tal-Qattus

Right side entering from Triq Tal-Qattus

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	8
Bieb bla numru	10
Garaxx	12
Bieb bla numru	14
Bieb bla numru	16
Sit bla bini	18
Sit bla bini	20
Symphony	22

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
8 (Garaxx)	8
10, **Ċappelli Crt**	10
12, **Flat 4C**	12
14, **Mais 2**	14
16, **Mais 1**	16
22, Symphony	22

* In-numri 18 u 20 mhux se jintużaw peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament

Il-5 ta' Mejju, 2023 5th May, 2023

Nru. 581

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'TA' XBIEX

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 843 tal-10 ta' Novembru, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f' Ta' Xbiex', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 581

NUMBERING OF DOORS AT TA' XBIEX

Amendments and Prolongation

iii. Ħidma b'konnessjoni mat-tisħiħ tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali ta' Malta ma' pajjiżi oħra;

iii. Undertaking activities for the promotion of Malta`s commercial and economic relationships with other countries;

iv. Dmirijiet konsolari bil-għan li jiġu mħarsa l-interessi taċ-ċittadini Maltin barra minn Malta;

iv. Performing consular duties to assist and protect the interests of Maltese citizens abroad;

v. Dmirijiet ta' amministrazzjoni u kordinazzjoni, inkluż xogħol ta' accounts u riżorsi umani, kemm fl-Uffiċċju Ewlieni kif ukoll f'missjonijiet barra minn Malta;

v. Carrying out administrative and coordinative duties including Financial and Human Resources work, at Head Office or in the missions overseas;

vi. Ikun mistenni li jagħmel xogħol għal xi perjodu matul is-sena bħala Duty Officer Roster On-call Service kemm waqt li jkun fil-Ministeru f'Malta kif ukoll waqt is-servizz barra l-pajjiż;

vi. Would need to commit himself to serve on the periodical Duty Officer Roster On-Call Service in the course of year whilst serving at the Ministry or overseas as required;

vii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

viii. Kwalunkwe dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

i. ikunu ċittadini ta' Malta;

ii. ikunu profiċjenti fil-Malti u fl-Ingliż;

iii. ikollhom Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET krettu jew ekwivalenti*) f'Diplomatic Studies jew International Relations jew Mediterranean Studies jew European Studies jew Political Science jew Commercial Law jew European and Comparative Law jew Public Law jew International Law jew Geography jew History jew Oriental Studies jew Philosophy jew Sociology jew Spanish & Latin American Studies jew General Law Degree jew Culture Studies jew Communications and Interpreting Areas jew Environmental Studies jew Gender Studies jew Psychology jew International Development jew Youth Studies jew Commerce and Economics Degrees jew Business Studies jew Tourism jew Maritime Affairs jew Education jew Agriculture jew Artificial Intelligence jew Humanities jew Near Eastern Studies jew Politics jew Social Studies jew Malti jew Ingliż jew kwalifika f'xi lingwa/i barranija jew xi kwalifika oħra relevanti. Ir-responsabbiltà hija tal-kandidati li jippruvaw li l-kwalifiki li jħaddnu huma relatati mas-suġġetti mitluba; madankollu d-deċiżjoni finali tkun il-prerogattiva tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, liema deċiżjoni tkun suġġetta għal kontestazzjoni quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabblii ma' 180 krettu ECTS/ECVET. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

iv. fil-pussess ta' ċertifikat ta' 'O' level/SEC f'mill-inqas lingwa oħra minbarra l-Malti u l-Ingliż, fil-Grad 5 jew ogħla fil-każ ta' SEC, u Gradi Ċ u 4 jew ogħla fil-każ ta' Edexcel, jew fil-pussess ta' ċertifikat ekwivalenti u xieraq.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew

vii. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

viii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. citizens of Malta;

ii. proficient in the Maltese and English languages;

iii. in possession of a recognized Bachelor's Degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Diplomatic Studies or International Relations or Mediterranean Studies or European Studies or Political Science or Commercial Law or European and Comparative Law or Public Law or International Law or Geography or History or Oriental Studies or Philosophy or Sociology or Spanish & Latin American Studies or General Law Degree or Culture Studies or Communications and Interpreting Areas or Environmental Studies or Gender Studies or Psychology or International Development or Youth Studies or Commerce and Economics Degrees or Business Studies or Tourism or Maritime Affairs or Education or Agriculture or Artificial Intelligence or Humanities or Near Eastern Studies or Politics or Social Studies or Maltese or English or any foreign language/s or any other related field of studies. Responsibility to prove relatedness of qualifications held will rest on candidates; however the final decision will be the prerogative of the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, subject to any contestation which may be made with the Public Service Commission.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 180 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

iv. in possession of 'O' level/SEC passes in at least one other language besides Maltese and English, at Grade 5 or above in the case of SEC, and Grades C and 4 or above in the case of Edexcel, or an appropriate equivalent pass.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position.

f'pożizzjoni definita. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'Livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-Livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Qualifications at a Level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF Level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF Level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.8 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt) jew (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-għażla tal-kandidati tkun f'żewġ (2) partijiet:

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.8 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt) or (https://edurecruitment.gov.mt)

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 The selection of candidates will be in two (2) stages:

L-Ewwel Parti tikkonsisti minn żewġ (2) eżamijiet bil-miktub u; it-Tieni Parti tikkonsisti minn intervista estiża.

Il-massimu tal-marki f'kull wieħed mill-eżamijiet bil-miktub kif ukoll fl-intervista estiża huwa ta' 200 marka.

(i) Iż-żewġ eżamijiet bil-miktub, kull wieħed ta' tliet (3) sigħat, fl-Ingliż u fil-Malti jġorru total ta' 200 marka kull wieħed.

(a) L-ewwel karta – Ingliż (3 sigħat) – sett ta' mistoqsijiet diversi (f'forma ta' multiple choice) fuq relazzjonijiet internazzjonali u ġrajjiet kurrenti; il-kandidati jridu jiktbu diskors għall-Ministru fuq suġġett magħżul mill-eżaminaturi ta' 500-550 kelma u komponiment argumentattiv ta' 600-650 kelma. (Massimu 200 marka);

(b) It-tieni karta – Malti (3 sigħat) – traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti, tqassir ta' artiklu għal 150-180 kelma u abbozzar ta' stqarrija għall-istampa ta' 300 kelma. (Massimu 200 marka).

L-eżamijiet tal-kitba se jsiru fis-27 u fit-28 ta' Lulju, 2023.

Il-pass mark f'kull wieħed mill-eżamijiet bil-miktub hija ta' 50% imma biex tkun eliġibbli għall-intervista, il-persuna trid iġġib 60% tal-marki globali tal-Ewwel Parti.

(ii) L-intervista ġġor il-massimu ta' 200 marka u tkun tikkonsisti fi:

(a) Diskussjoni fi grupp – Il-kandidati jissejħu fi gruppi żgħar biex jipparteċipaw f'diskussjoni fi grupp fuq suġġett ta' diskussjoni partikolari magħżul bil-polza fil-preżenza tal-grupp minn numru ta' suġġetti ppreparati minn qabel iżda magħluqa f'envelops separati. (Massimu 100 marka – minimu 50 marka);

(b) Intervista personali – Il-kandidati jiġu evalwati fuq id-dispożizzjoni tagħhom lejn karriera fis-Servizz Diplomatiku. Barra minn hekk, waqt l-intervista, il-bord tal-għażla jittestja l-proficjenza fil-lingwa barranija indikata mill-kandidat/a skont il-paragrafu 4.1 (iv) (Massimu 100 marka – minimu 50 marka).

Kopja tas-Sillabu għall-benefiċċju tal-kandidati jinsab hawn taħt:

L-Ewwel Parti – Eżami bil-Miktub

L-Ewwel Karta – Ingliż (3 sigħat)

a. Il-kandidati jingħataw diversi mistoqsijiet (f'forma ta' multiple choice) biex ikunu eżaminati dwar il-kompetenza tagħhom f'relazzjonijiet internazzjonali u ġrajjiet kurrenti (40 marka);

Part I consists of two (2) written papers and; Part II consists of an extended interview.

The maximum mark obtainable in each of the written papers and in the interview is 200 marks.

(i) The written examination shall consist of two papers, each of a duration of three (3) hours, with each paper carrying a maximum of 200 marks.

(a) Paper 1 – English (3 hours) – A set of multiple choice questions in international relations and current affairs, a written speech for the Minister on a topic chosen by the examiners of 500-550 words and an argumentative essay of 600-650 words. (Maximum 200 marks);

(b) Paper 2 – Maltese (3 hours) – translation from English to Maltese, precis – summary of an article/text in 150-180 words and drafting of a press release of 300 words. (Maximum 200 marks).

The written examinations will be held on 27th and 28th July, 2023.

The pass mark in each of the written papers is 50% but to be eligible for the extended interview a candidate must obtain an aggregate total of 60% of the marks in Part I.

(ii) The interview carries a total weight of 200 marks and shall consist of:

(a) A group discussion – Candidates will be called up in small groups to participate in a group discussion on a particular topic selected at random in the presence of the group from a number of subjects prepared beforehand but sealed under confidential cover in separate envelopes. (Maximum 100 marks – minimum 50 marks);

(b) Personal interview – Candidates will be assessed on their aptitude towards a career in the diplomatic service. Furthermore, during the interview, the selection board will test proficiency in the foreign language indicated by the candidate as per paragraph 4.1 (iv) (Maximum 100 marks – minimum 50 marks).

For the guidance of candidates the syllabus is as follows:

Part I – Written Examination

Paper 1 – English (3 hours)

a. Multiple choice: Candidates will be set with a number of questions to test their competence in international relations and current affairs (40 marks);

b. Diskors: Il-kandidati jingħataw suġġett magħżul mill-eżaminaturi u jridu jiktbu diskors għall-Ministru mis-suġġett mogħti (500 - 550 kelma) (80 marka);

c. Komponiment argumentattiv (600 - 650 kelma) (80 marka).

Total: 200 marka

It-Tieni Karta – Malti (3 sigħat)

a. Traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti (70 marka);

b. Taqsira: Il-kandidati jingħataw artiklu u jridu jqassruh għal 150-180 kelma (70 marka);

c. Il-kandidati jingħataw suġġetti mill-eżaminaturi u minnu jridu jiktbu stqarrija għall-istampa (300 kelma) (60 marka).

Total: 200 marka

Il-pass mark f'kull wieħed mill-eżamijiet bil-miktub hija ta' 50% imma biex tkun eliġibbli għall-intervista persuna trid iġġib 60% tal-marki globali tal-Ewwel Parti.

It-Tieni Parti – Intervista Estiża

L-Intervista Estiża (dawk il-kandidati li jkunu ġabu 60% tal-marki globali fl-Ewwel Parti, u 50% tal-marki f'kull karta, biss ikunu eliġibbli għat-Tieni Parti). Din il-parti ġġorr total ta' 200 marka u tkun tikkonsisti fi:

A. Diskussjoni fi Grupp

Il-kandidati jiġu eżaminati fuq kemm huma fluwenti, ċari u kapaċi jesprimu ruħhom, kif ukoll kemm jafu dwar is-suġġett magħżul.

Il-marki tad-Diskusjoni fi Grupp huma mqassma hekk:

a. Ċarezza fl-espressjoni verbali;

b. Fluwenza u kapaċità biex jesprimu ruħhom;

c. Għarfien fis-suġġett magħżul;

Massimu 100 marka – minimu 50 marka.

B. Intervista personali

Il-kandidati jiġu evalwati fuq id-dispożizzjoni tagħhom lejn karriera fis-Servizz Diplomatiku.

b. Speech: Candidates are to write a speech for the Minister on a topic chosen by the examiners (500 – 550 words) (80 marks);

c. Argumentative essay (600 – 650 words) (80 marks).

Total marks: 200 marks

Paper 2 – Maltese (3 hours)

a. Translation from English to Maltese (70 marks);

b. Précis: Candidates will be expected to summarise an article/text in 150 - 180 words (70 marks);

c. Drafting of a press release on a text submitted by examiners (300 words) (60 marks).

Total marks: 200 marks

The pass mark in each of the written papers is 50% but to be eligible for the extended interview a candidate must obtain in Part I an aggregate total of 60% of the marks.

Part II – Extended Interview

Extended Interview (only candidates who have obtained an aggregate 60% of the marks in Part I, and obtained 50% of the marks in each of the papers, will be eligible to proceed with Part II of the selection exercise). The interview carries a total weight of 200 marks and shall consist of:

A. Group Discussion

Candidates will be tested on fluency and clarity of expression and delivery, as well as on the knowledge of the subject chosen.

The marks will be allocated as follows:

a. Clarity of expression;

b. Fluency and delivery;

c. Knowledge of subject chosen;

Maximum 100 marks – minimum 50 marks.

B. Personal interview

Candidates will be assessed on aptitude towards a career in the Diplomatic Service (100 marks).

Il-marki tal-intervista personali huma mqassma hekk:

a. Abbiltajiet ta' management u leadership;

b. Esperjenza u għarfien rilevanti;

c. Ħiliet u abbiltajiet meħtieġa għall-post;

d. Kwalifiki;

e. Għarfien tal-lingwa mitkellma (ara Paragrafu 6.1 (ii) (b)).

Massimu 100 marka – minimu 50 marka

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.6, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

6.3 Il-marka finali miksuba matul il-proċess kollu hija stabbilita għall-60% tal-marka globali, li hija 360 minn 600 marka. L-ordni finali tal-kandidati tiġi determinata mill-marki totali li jinkisbu fl-eżami bil-miktub u fl-intervista. Fil-każ li jkun hemm kandidati li jġibu l-istess numru ta' marki, il-preċedenza tingħata skont il-proċeduri stabbiliti.

6.4 Ir-riżultat jibqa' jgħodd għal sena mid-data tal-pubblikazzjoni.

6.5 L-eżami bil-miktub jitmexxa mid-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jiddeċiedi x'għandu jsir minnufih dwar kandidati li waqt l-eżami jinstabu ħatja ta' xi nuqqas jew ksur tar-regolamenti li jkunu tqassmu lill-kandidati.

6.6 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinsab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinsab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-eżami.

6.7 Id-Direttur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tal-eżami bil-miktub, li jiġi esibit fuq in-noticeboard tad-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana, u dik taċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex.

6.8 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat tal-eżami jidher fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Eżamijiet (www.myexams.gov.mt) u jintbagħat ukoll SMS lill-kandidati li jkunu qagħdu għall-proċess tal-għażla u li jkunu ssottomettew numru

The marks will be allocated as follows:

a. Management and leadership skills;

b. Relevant experience and knowledge;

c. Skills and abilities required for the post;

d. Qualifications;

e. Knowledge of spoken languages (see paragraph 6.1 (ii) (b)).

Maximum 100 marks – minimum 50 marks

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.6, have proven relevant work experience .

6.3 The overall pass mark of the whole selection process has been established at 60% of the total marks, that is 360 marks out of a total of 600. The final order of merit of successful candidates will be determined by the total marks gained in Part I and Part II. In the case of candidates who obtain the same number of marks, precedence will be determined in accordance with the established Procedures.

6.4 The result will remain valid for one (1) year from the date of publication.

6.5 The written examination will be conducted by the Director, Examinations, and the Board of Local Public Examinations. The Board of Local Public Examinations will have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

6.6 The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the examination.

6.7 The Director (Examinations) will publish the result of the written examination which will be exhibited on the notice board of the Department of Examinations, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria, Gozo.

6.8 A notification of the publication of the result of the examination will appear on the website of the Examinations Department (www.myexams.gov.mt and) will also be sent via SMS alert to candidates who underwent assessment and

tal-telefown ċellulari u l-indirizz elettroniku validu mal-applikazzjoni tagħhom.

6.9 Talba għar-reviżjoni ta' karti tal-eżamijiet għandha tiġi sottomessa lid-Direttur tal-Eżamijiet fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-avviż imsemmi f'paragrafu 6.8.

6.10 Wara li r-riżultat tal-eżami miktub jiġi ppubblikat, dawk il-kandidati li jkunu għaddew jiġu mitluba biex jattendu għal intervista minn bord tal-għażla.

6.11 Ir-riżultat finali jiġi ppubblikat minn, u esibit fuq in-noticeboard tal-Ministeru li qed joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu:

i. Curriculum Vitae f'format tal-Europass (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant);

ii. kopja tal-karta tal-identità;

iii. kopji skennjati tal-kwalifiki li jinkludu t-traskrizzjonijiet fejn applikabbli; u

iv. miżata tal-eżami ta' €9.30 (mhux rifondibbli).

Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Mejju, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 L-applikanti li għandhom bżonn għajnuna biex jissottomettu applikazzjoni online, għandhom ifittxu din l-għajnuna mill-HR Unit tad-dipartiment attwali tagħhom, jew mill-HR Unit tad-dipartiment fejn qed japplikaw. Dawn l-applikanti għandhom jiżguraw li l-persuna li tapplika għan-nom tagħhom, fil-fatt, qed tapplika għall-post battal meħtieġ u tehmeż id-dokumentazzjoni korretta.

who submitted a valid mobile phone number and an email address with their application.

6.9 Requests for revision of papers are to be submitted to the Director (Examination) within eight (8) working days from the date of the notification mentioned in paragraph 6.8 above.

6.10 After the publication of the result of the written examination, the successful candidates will be asked to attend for an interview which will be conducted by a selection board.

6.11 The final order of merit will be published by, and exhibited on the notice board of the Ministry which is issuing the call for applications.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director for Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include:

i. a Curriculum Vitae in Europass format (which should include a list of qualifications and experience held by applicant);

ii. a copy of their identity card;

iii. scanned copies of qualifications including transcripts where applicable; and

iv. an examination fee of €9.30 (non-refundable).

Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 19th May, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 Applicants who need assistance in submitting an online application, are to seek such assistance from the HR Unit of their current Department, or the HR Unit of the Department where they are applying. Such applicants are to ensure that the person applying on their behalf is, in fact, applying for the vacancy required and attaching the correct documentation.

7.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.4 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.5 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
petizzjonijiet dwar ir-riżultat finali;
eżami mediku;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, 331, Allied House, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, in-numru tat-telefown u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (www.foreign.gov.mt), (+356) 2204 3030 u (recruitment.mfet@gov.mt).

Il-5 ta' Mejju, 2023

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Pożizzjoni ta' Project Officer fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jixtieq jiġbed l-attenzjoni

7.3 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.4 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.5 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the applicable benefits, conditions and rules/regulations;

reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
petitions on the final result;
medical examination;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Human Resources Department, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, 331, Allied House, Triq San Pawl, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, contact number and email address of the receiving Department are (www.foreign.gov.mt), (+356) 2204 3030 and (recruitment.mfet@gov.mt).

5th May, 2023

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Position of Project Officer in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), would like to remind all interested

tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Project Officer għall-proġetti tal-UE fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Project Officer għall-proġetti tal-UE fil-Miniseru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Project Officer hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifiku, għaldaqstant dan jikkonstitwixxi raġuni oġġettiva skont, Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Project Officer huwa ta' Skala ta' Salarju 9, li fis-sena 2023 huwa ta' €24,494.79 fis-sena, li jiżdied b' €447.33 fis-sena sa massimu ta' €27,178.77.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Project Officer għall-proġetti tal-UE jinkludu li:

i. Jassisti fit-tmexxija ta' implimentazzjoni effettiva ta' azzjonijiet ta' proġetti b'rabta ma' proġetti ta' UE;

applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation invites applications for the position of Project Officer for the EU Projects in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation.

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Project Officer for the EU projects in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, which may be renewed for further periods

2.2 The position of Project Officer is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Since this is a position is time-barred or linked to the completion of a specific task such constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.5 Accepting appointment in this position signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions.

Salary Pegged to the Position

3. The Salary attached to the position of Project Officer is equivalent to the Salary Scale 9, which in the year 2023 is €24,494.79 per annum rising by annual increment of €447.33 up to a maximum of €27,178.77.

Duties

4. The duties of Project Officer for the EU project include:

i. Assist in the managing of effective implementation of project actions in relation to EU projects;

ii. Jassisti fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' xogħol, inkluż l-iffissar ta' kompiti, l-iskadenzi u l-monitoraġġ tal-progress tal-Proġett;

iii. Jassisti fit-tħejjija tal-progress u kwalunkwe rapport ieħor relatat mal-Proġett kif meħtieġ, u jtella' informazzjoni fuq is-siti elettroniċi u l-pjattaformi tal-Proġett;

iv. Jassisti fit-tmexxija tal-informazzjoni relattiva kollha dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-UE u jiżgura li l-azzjoni kollha meħtieġa tittieħed fil-ħin;

v. Jirrekordja l-attivitajiet pertinenti kollha, inkluż il-ġabra ta' rekords adegwati li għandhom iservu ta' bażi għal ġestjoni finanzjarja tajba;

vi. Taħt id-direzzjoni tal-Maniġer tal-Proġett, jorganizza u jipparteċipa fil-laqgħat rilevanti kull meta applikabbli u meħtieġ;

vii. Jassisti fil-kumpilazzjoni tat-talba għall-kwotazzjonijiet, id-dokumenti tat-tenders u l-proċessi tal-għażla u kwalunkwe dmir ieħor relatat;

viii. Jikkordina mal-partijiet interessati, dipartimenti u sezzjonijiet rilevanti għat-tmexxija tajba tal-attivitajiet tal-Proġett;

ix. Iżomm id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa għall-Proġett kif ukoll ittella' d-dokumentazzjoni meħtieġa u jiżgura l-manutenzjoni tal-Fajls tal-Proġett bl-aħjar mod;

x. Iwettaq dmirijiet oħra li jisgħtu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xi. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

ii. Assist in the development of work plans, including setting tasks, deadlines and monitoring progress of the Project;

iii. Assist in the preparation of progress and any other Project related reports as required, and uploading of information on the Project websites and platforms;

iv. Assist in the management of all the relative information on implementation of the EU projects and assurance that all action required is taken in a timely manner;

v. Recording of all pertinent activities, including compiling adequate records which should serve as a basis for sound financial management;

vi. Under the direction of the Project Manager, organise and participate in the relevant meetings whenever applicable and required;

vii. Assisting in the compilation of request for quotations, tender documents and selection processes and any other related duties;

viii. Liaising with the relevant stakeholders, departments and sections for the smooth running of the Project activities;

ix. Maintaining all the necessary documentation for the Project as well as uploading the necessary documentation and ensuring an optimal upkeep of Project Files;

x. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xi. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

iii. ikollhom, Baċċellerat rikonoxxut fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fl-Arts jew Education jew Law jew Media jew Knowledge Science jew Diplomatic Studies jew European Studies jew Social Sciences jew Communications jew Policy jew Statistics jew Economics jew Management jew Accountancy jew kwalifika rikonoxxuta professjonali komparabbli fil-Livell 6 tal-MQF fl-Accountancy, flimkien ma sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti

